MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## PACE RAYMOND C.

Seduta ta' 31 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 422/1999/1

**Carmela Barbara**

**vs**

**Fatthy Abd El-Halim El-Khouly; u Dr. Victor Scerri u PL Veronica Rossignaud li b'digriet tad-29 ta' Marzu 1999 gew innominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti Fatthy Abd El-Halim El-Khouly.**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi fit-23 ta' Lulju 1998 il-partijiet ghaddew minn cerimonja taz-zwieg fir-Registru Pubbliku (Dok. "A");

Illi l-konvenut, li hu cittadin Egizzjan izzewweg lill-attrici sempliciment ghaliex ried jottjeni c-cittadinanza Maltija u mhux ghaliex ried jidhol f'rabta taz-zwieg maghha;

Illi dan iz-zwieg huwa null *stante* li l-partijiet ma kellhomx id-diskrezzjoni mehtiega taz-zwieg ghall-hajja matrimonjali jew ghad-drittijiet u l-obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew *stante* li kien hemm anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li twettaq l-obbligi essenzjali taz-zwieg.

Illi dan iz-zwieg huwa null *stante* li l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

Illi l-kunsens tal-partijiet kien marbut ma' kundizzjoni li tirreferi ghall-futur;
Illi z-zwieg mhuwiex ikkunsmat;

Illi l-istess attrici talbet lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara null u minghajr effet iz-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fit-23 ta' Lulju 1998 kif indikat f'estratt veru mill-att taz-zwieg numru 1279/1998 u dan *ai termini* ta' l-**artikolu 19 sub-artikolu 1 para (d), (f), (g) u l-artikolu 19A (1) ta' l-Att ta' l-1975 dwar iz-Zwieg** kif sussegwentement emendat, u taghti kull provvediment li jkun opportun fic-cirkostanzi.

Bl-ispejjez.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 u 5 tal-process;

Rat ir-rikors ta' l-attrici datat 23 ta' Frar 1999 fejn talbet li jinhatru kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw il-konvenut fl-atti tac-citazzjoni kif ukoll fl-atti l-ohra relattivi u sussegwenti.

Rat id-digriet tal-Qorti tad-29 ta' Marzu 1999 fejn gew nominati l-Avukat Dr. Victor Scerri u l-P.L. Veronica

Rossignaud bhala kuraturi deputati tal-konvenut assenti ghall-finijiet kollha tal-ligi.

Rat il-verbali tas-16 ta' Settembru 1999 fejn giet nominata Dr. Paula Mifsud Bonnici biex tigbor il-provi u tirrelata.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati noe tas-27 ta' Jannar 2000 a fol. 31 fejn gie eccepit:

1. Illi huma m'humiex edotti mill-fatti li taw lok ghal din l-azzjoni u jitolbu lill-atturi jtuhom l-indirizz tal-patrocinat taghhom.

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri jekk u meta jkun il-kaz.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati noe a fol. 32 tal-process.

Rat il-verbali tas-6 ta' Marzu 2000; u tal-21 ta' Marzu 2000 fejn in vista li l-Perit Legali ma kienetx aktar f'pozizzjoni li tesegwixxi l-inkarigu taghha, il-Qorti ssostitwietha u nnominat minflokha lil Dr. Audrey Demicoli.

Rat in-nota ta' Carmela Barbara datata 14 ta' Gunju 2000, fejn esebiet zewg affidavits.

Rat il-verbali tat-23 ta' Gunju 2000; tal-11 ta' Dicembru 2000; tat-18 ta' Gunju 2001; tas-26 ta' Novembru 2001; tat-22 ta' Frar 2002 fejn il-kawza giet differita biex tkompli tinstema' minn din il-Qorti kif prezentament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.; tat-22 ta' Mejju 2002 fejn il-Qorti in vista li ma gie pprezentat l-ebda rapport irrevokat l-inkarigu tal-Perit Legali Dr. Audrey Demicoli.

Rat is-seduti mizmuma mill-Perit Legali minn fol. 52 sa 72 tal-process.

Rat ir-rikors tal-istess Perit Legali datat 30 ta' Mejju 2002 fejn esponiet li tinsab f'pozizzjoni li tespleta l-inkarigu taghha u talbet li in vista ta' dan il-Qorti tirrevoka *contrario imperio* d-digriet taghha tat-22 ta' Mejju 2002.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti tat-3 ta' Gunju 2002 fejn laqghet it-talba u rreintegrat lill-istess Dr. Audrey Demicoli bhala Perit Legali.

Rat il-verbali tal-11 ta' Gunju 2002; tal-24 ta' Gunju 2002 fejn dehret il-Perit Legali li halfet ir-rapport, u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-31 ta' Ottubru 2002.

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Legali Dr. Audrey Demicoli.

Rat ix-xhieda kollha prodotta quddiem l-istess perit legali.

Rat d-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-affidavits kollha esebiti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (A) L-AZZJONI ATTRICI.

Illi din ic-citazzjoni tirrigwarda l-validita' *o meno* ta' zwieg celebrat bejn il-kontendenti fit-23 ta' Lulju 1998. (Dok. "A") fejn l-attrici premettiet li fit-23 ta' Lulju 1998, il-partijiet ghaddew minn cerimonja ta' zwieg fir-Registru Pubbliku; li l-konvenut li hu cittadin Egizzjan izzewweg lill-attrici semplicement ghaliex ried jottjeni c-cittadinanza Maltija u mhux ghaliex ried jidhol f'rabta ta' zwieg maghha; li dan iz-zwieg huwa null *stante* illi l-partijiet ma kellhomx id-diskrezzjoni mehtiega taz-zwieg ghall-hajja matrimonjali jew ghad-drittijiet u l-obbligi tal-hajja mizzewga, jew *stante* li kien hemm anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li twettaq l-obbligi essenzjali taz-zwieg; li dan iz-zwieg huwa null *stante* li l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga; li l-kunsens tal-partijiet kien marbut ma' kundizzjoni li tirreferi ghall-futur; li z-zwieg m'huwiex ikkunsmat. Hija ghalhekk talbet lil Qorti sabiex tiddikjara null u bla effett iz-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fit-23

ta' Lulju 1998 kif indikat f'estratt veru mill-att taz-zwieg numru 1279/98 u dan *ai termini* ta' l-**artikolu 19 subartikolu 1 para. (d), (f), (g) u l-Artikolu 19A(1) ta' l-Att ta' l-1975 dwar iz-Zwieg** kif sussegwentement emendat, u taghti kull provvediment li jkun opportun fic-cirkostanzi.

Illi b'digriet tad-29 ta' Marzu, 1999, gew nominati Dr. Victor Scerri u l-P.L. Veronica Rossignaud bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Fathy Abd El-Halim El-Khouly u dawn prezentaw nota tal-eccezzjonijiet fejn iddikjaraw li ma kienux edotti mill-fatti tal-kawza.

## (B) PROVI.

Illi **l-attrici** xehdet estensivament bil-procedura tal-affidavit u *'viva voce'* u in kontro-ezami fis-seduta tal-11 ta' Settembru 2000. Hija xehdet li meta kellha ghoxrin (20) sena bdiet relazzjoni ma' certu Louis Bianchi u minn din ir-relazzjoni twieldu zewgt itfal. L-attrici tiddefinixxi din ir-relazzjoni bhala wahda instabbli fis-sens li dan Bianchi kien vjolenti fil-konfronti taghha u ma kienx jaghtiha flus la ghaliha u l-anqas ghal uliedhom. Hija qalet ukoll li wara ftit li twieldet it-tieni tarbija, Bianchi beda jghix ma' mara ohra u hi u t-tfal baqghu jghixu m'omm l-attrici kif ghadhom jaghmlu sal-gurnata tal-llum.

Illi l-attrici kompliet tispjega li f'Gunju tal-1998 habiba taghha li kien jisimha Elaine staqsietha riedetx tohrog ma' wiehed Gharbi mill-Egittu li wara saret taf li kien il-konvenut. Ghall-ewwel irrifjutat izda l-gurnata ta' wara din Elaine regghet cemplitilha u qaltilha li dan l-Gharbi tghidx kemm kien ha grazzja maghha ghaliex kien jaraha barra timxi bit-tfal u ried ikellimha. Ghalkemm l-attrici kienet kemmxejn sorpriza kif dan l-Gharbi seta' jiehu grazzja maghha meta kellha snienha kollha mifqughin, hija bdiet ittella' u tnizzel u wara gurnata tahsibha nfurmat lil din Elaine li kienet disposta tiltaqa' mal-konvenut. Lil ommha ma qaltilha xejn dwar dan ghaliex issupponiet li ommha kienet thassrilha. Dik il-gurnata stess marret tiltaqa' mal-konvenut il-Belt u wara li Elaine ghamlet l-introduzzjonijiet

necessarji hallithom wehidhom. Il-konvenut ha lill-attrici tiehu kafe’, huwa kien jaf jitkellem sew bil-Malti u spjega li dan kien dovut ghal fatt li li kien ghamel zmien gej u sejjer Malta u li issa kien jigi Malta kull hmistax. F’din l-ewwel okkazzjoni l-attrici tghid li hi u l-konvenut damu madwar siegha flimkien u tul din is-siegha huwa qalilha li kellu l-familja l-Egittu, li kien jghix fi *flat* Bugibba u li ried jizzewwigha ghaliex kienet toghgbu hafna u kien jaf li ma kienetx mizzewga. L-attrici staqsiet kif huwa kien ha din id-decizjoni biss wara li kien ilu jitkellem maghha nofs siegha u huwa rrisponda li *“ahna l-Gharab nizzewgu malajr u ma noqoghdux nahsbuha darbtejn”*

Illi l-attrici tkompli tghid li hija nfurmat lill-konvenut li ma kellhiex il-hsieb li tizzewweg wara dak li kien gralha, il-konvenut beda jithassarha u jahlef fuq il-Koran li ma kienx ser jitrattaha bl-istess mod. Huwa qalilha wkoll biex ma ddumx tahsibha ghaliex malli jizzewgu, huwa kien ikun jista’ jibda jahdem u b’hekk imantni lilha u lit-tfal taghha. L-attrici talbitu ftit taz-zmien sabiex tahsibha u l-ghada regghet ltaqghet mieghu l-Belt akkompanjata minn uliedha. F’din l-okkazzjoni huwa wera hafna nteress fit-tfal u qalilha li meta jizzewgu lit-tfal kien ser iqieshom bhala tieghu. Wara li l-attrici qaltlu li kienet ghadha ma hasbithiex dwar il-proposta tieghu ta’ zwieg, huwa beda jinsisti u jiffitaha billi jghidilha li permezz taz-zwieg huma kienu ser ikunu migburin f’darhom u spjegalha li kellu f’mohhu dar f’Bugibba sabiex jghixu fiha u kien dispost ihallas il-kera kollha hu. Dan qalulha wara li hija fethet qalbha mieghu u spjegatlu li xebghat tghix id-dar t’ommha ghaliex hutha s-subien kienu diehlin u hergin il-Habs u inoltre wiehed minnhom kien jesigi li hija taghtih il-flus ghax-xorb u s-sigaretti.

Illi wara jumejn l-attrici hadet id-decizjoni li tizzewweg lill-konvenut u spjegat li hasbet *“Nipprova, imbaghad jigri li jrid”.* Meta kkomunikat id-decizjoni taghha lill-konvenut huwa kien ferhan hafna u hadha l-Insinwa fejn taw id-dettalji taghhom kif ukoll l-isem tax-xhieda, li kienu ser ikunu zewgt ihbieb tal-konvenut li l-attrici ma kienetx taf. Huma nghataw data ghaz-zwieg li kienet it-23 ta’ Lulju 1998. Sakemm waslet din id-data l-attrici tghid li hija

baqghet tiltaqa' mal-konvenut kuljum dejjem akkompanjata minn uliedha. Hija spjegat li lil ommha ma qaltilha xejn dwar dawn il-pjanijiet u li sakemm izzewgu ma kienx hemm kunfidenzi bejnha u bejn il-konvenut ghaliex hija ma xtaqitx li huwa jaghmilha tapit tieghu bhal ma ghamlu l-irgiel l-ohra f'hajjitha.

Illi fid-data tat-tieg il-konvenut mar immedjatament Kastilja u spjega lill-attrici li kellu jiltaqa' ma certu ndividwu sabiex jaqleb ic-cittadinanza minn dik Sirjana ghal wahda Maltija. Dakinhar tat-tieg filghaxija, hija ltaqghet mal-konvenut il-Belt u huwa spjegalha li kien ferhan ghaliex ladarba jgib il-passaport Malti seta' jsiefer minghajr problemi. Huma damu flimkiien madwar saghtejn u l-konvenut spjegalha li certu habib Gharbi kien ser isibilhom post Bugibba b'kera baxxa izda peress li kien Lulju kien daqxejn difficli. Huwa nfurmaha wkoll li kien ghadu ma sabx xoghol u prometta li l-ghada kien ser icemplilha, izda huwa cempel biss jumejn wara kemm biex jinfurmaha li kien ser isiefer u qabad u qata' l-linja. Minn dakinhar l-attrici spjegat li qatt ma regghet rat lill-konvenut. Hija l-anqas ma kellha l-indirizz jew in-numru tat-telefon tieghu ghaliex meta talbitomlu huwa kien irrisponda li ma kellux telefon u ma kienx jaf l-indirizz tieghu.

Illi xi ftit tal-jiem wara l-attrici qalet lil ommha dak kollu li kien gara u din tal-ahhar canfritha u qaltilha li kienet halliet Gharbi juzaha. L-attrici qalet ukoll lil Elaine dak li kien gralha u din infurmatha li xi hbieb tal-konvenut kienu qalulha li l-konvenut kien imsiefer. L-attrici spjegat li lil din Elaine ilha hafna zmien ma taraha u ma tafx fejn toqghod.

Illi 'n kontro-ezami l-attrici cahdet li l-konvenut kien taha xi flus sabiex tizzewgu u spjegat li Elaine kienet biss konoxxenza u kienet iltaqghet maghha tlett darbiet qabel ma laqqatha mal-konvenut.

Illi **Lucia Barbara**, omm l-attrici wkoll xehdet bil-procedura tal-affidavit u fil-qosor hafna *viva voce* in kontro-ezami. Hija kkonfermat dak li qalet bintha dwar ir-relazzjoni ta' din tal-ahhar ma Louis Bianchi u spjegat li wara li spiccat din ir-relazzjoni bintha kienet qatghet qalbha mill-irgiel. Din ix-

xhud qalet ukoll li bintha kienet tqatta' hafna hin id-dar ma' wliedha fejn ma tantx kienet kuntenta ghaliex kienet tghix biss fuq dak li kienet tircievi minghand id-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali, hutha ma kienux jghinuha u l-anqas ommha ma setghat tghina finanzjarjament ghaliex anki hija kienet tghix fuq il-pensjoni tar-romol. Omm l-attrici kompliet tghid li l-attrici kienet imdejqa hafna d-dar minhabba nkwiet familjari u xtaqet titlaq izda tal-Housing dejjem qalulha li ma kellhomx post ghaliha.

Illi Lucia Barbara stqarret li saret taf li bintha kienet izzewget Gharbi fis-sajf tal-1998 u ghall-ewwel hasbet li bintha qed ticcajta meta din tal-ahhar qaltilha li kienet izzewget lil konvenut u dan peress li hija l-anqas biss kienet taf li bintha kienet qed tohrog ma xi hadd. Lill-konvenut qatt ma ratu jew ltaqghet mieghu ahseb u ara kemm kienet taf li bintha kienet ser tizzewgu. Din ix-xhud spjegat li malli bintha nfurmatha x'kienet ghamlet l-ewwel reazzjoni taghha kienet *"trid tkun mignuna biex tizzewweg bniedem barrani li anqas biss tkun tafu, fi ftit jiem"* Din ix-xhud kompliet tghid li bintha spjegatilha li kienet ghamlet dan ghaliex kienet imdejqa hafna d-dar u anki ghaliex emmnet lill-konvenut meta dan kien ha gurament fuq il-Koran fis-sens li kien ser jiehu hsiebha. Dejjem skond din ix-xhud, l-attrici ghazlet li tizzewweg lill-konvenut minhabba l-genn li kellha biex tissetilja.

## (C) APREZAMENT LEGALI.

Illi fic-citazzjoni, l-attrici talbet li z-zwieg taghha mal-konvenut jigi dikjarat null u bla effett *ai termini* tas-**sub-incizi (d), (f) u (g) tal-artikolu 19 (1)** kif ukoll *ai termini* **tal-artikolu 19 (1) A tal-Kap. 255** izda mill-assjem tal-provi jidher li l-kwistjoni principali f'dan il-kaz hi jekk il-konvenut izzewwigx lill-attrici semplicement ghall-konvenjenza u cioe' sabiex ikun jista' jakkwista passaport Malti u cittadinanza Maltija jew inkella zzewwigx biex jifforma nukleju familjari bl-elementi kollha essenzjali tal-hajja mizzewga.

Illi din il-Qorti taqbel mal-brava perit Legali Dr. Audrey Demicoli li mill-assjem tal-provi rrizulta inekwivokabilment li l-konvenut izzewweg lill-attrici esklussivament sabiex jottjeni passaport Malti u cittadinanza Maltija. Ic-cirkostanzi kollha kemm antecedenti ghaz-zwieg kif ukoll konkomitanti u sussegwenti ghall-ghoti tal-kunsens matrimonjali kollha jindikaw minghajr ombra ta' dubju li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens ghaz-zwieg, il-konvenut kellu biss l-intenzjoni li jsir cittadin Malti permezz taz-zwieg li kien qed jigi celebrat u xejn aktar.

Illi dan huwa manifestat mir-relazzjoni kollha ta' bejn il-partijiet, konjugi f'dan iz-zwieg u senjatament mill-mod kif il-konvenut ikkombina l-inkontru mal-attrici, l-insistenza tieghu sa mill-ewwel inkontru li l-attrci tiehu decizjoni ta' malajr sabiex tizzewgu, l-mod kif huwa nganna lill-attrici li biz-zwieg mieghu hija kienet ser issolvi l-problemi familjari li kellha, l-fatt li huwa naqas milli jforni lill-attrici bl-indirizz jew bin-numru tat-telefon tieghu, l-fatt li ghaddew biss xahar u ftit granet bejn l-ewwel inkontru u d-data taz-zwieg, il-fatt li malli hargu mir-Registru Pubbliku huwa mar immedjatament Kastilja sabiex jirranga dwar ic-cittadinanza Maltija, l-fatt li immedjatament wara t-tieg huwa abbanduna lill-attrici u qatt ma rega' kkomunika maghha, u l-fatt li z-zwieg qatt ma gie kkunsmat, li kollha jindikaw li l-ghan ewlieni tal-konvenut kien li jizzewweg lill-attrici semplicement sabiex jottjeni passaport Malti. Fil-mument tal-ghoti tal-kunsens huwa kien qed jeskludi mhux biss certu elementi essenzjali taz-zwieg, izda addirittura z-zwieg innifsu.

Illi din il-Qorti hija ghalhekk sodisfatta li l-attrici ppruvat fuq bilanc ta' probabbiltajiet u fil-grad rikjest mill-ligi li r-raguni dominanti li ghaliha l-konvenut resaq ghaz-zwieg kienet sabiex isir cittadin Malti u xejn aktar u mhux biex jintrabat fiz-zwieg bid-drittijiet u obbligi konnessi. F'dan ir-rigward, l-esponenti taghmel riferenza ghal dak li qalet din il-Qorti kif diversament presjeduta fis-sentenza tal-10 ta' Ottubru, 1995, u tas-16 ta' Jannar 1998, fil-kawzi fl-ismijiet **"Josephine Grech vs Mahmoud Awwada sive Mahmoud Ali Ibida"** u **"Miriam Ramadan Mabrouk xebba Psaila vs Lovay Ramadan Wahba Mabrouk"** u

cioe' li *"meta l-unika skop tal-kontraent ikun li jibqa' Malta biex jahdem u eventwalment jikseb ic-cittadinanza, hu jkun qieghed pozittivament jeskludi z-zwieg innifsu, b'mod li jkun hemm simulazzjoni totali. Naturalment, f'dawn il-kazijiet wiehed m'ghandux jistenna li jsib prova diretta tas-simulazzjoni, fis-sens ta' xi dikjarazzjoni esplicita ta' l-intenzjoni ta' dak li jkun, pero' tali intenzjoni tista' tigi manifestata wkoll implicitament".*

*Fi kliem il-gurista* **Castano:-**

*"… l'atto posittivo della volonta' non s'identifica con l'intenzione espressa o esplicita, ma l'atto della volonta' puo' essere posittivo ed essere manifestato implicitamente. Infatti con il Prof. Gangoiti crediamo che l'atto posittivo richiesto dal canone apposito puo' essere amesso anche con intenzione implicita, vale a dire mediante il modo di comportarsi del soggetto che esclude, o mediente l'insieme di circostanze della vita del medesimo soggetto. La volonta', oltre il modo espresso o esplicito di esprimersi, ha ancora altri modi di manifestarsi. E' per questo che la volonta' puo' essere ritenuta una facolta' poliglotta e quindi parla atraverso molteplici linguaggi, senza che sia necessario che lo faccia espressamente".*

*"Huwa ghalhekk li jinkombi fuq il-Qorti li thares lejn ic-cirkostanzi <u>kollha</u> kemm dawk antecedenti, kif ukoll dawk konkomitanti u sussegwenti, ghall-ghoti tal-kunsens matrimonjali, u tinterpretahom b'doza qawwija ta' buon sens, biex tista' tasal, imqar sal-grad ta' probabilita', li kien hemm l-eskluzjoni posittiva imsemmija".*

Illi fis-sentenza tal-10 ta' Marzu, 2000, fil-kawza fl-ismijiet **"Pauline Ahmed nee' Bugeja vs Shafik Farid Shafik Ahmed"** (P.A. (VDG) - Citaz. Numru 171/95 VDG), din Qorti kif diversament presjeduta ccitat lill-gurista **Francesco Bersini** li jispjega:

*"Chi ad esempio intende un fine estrinseco al matrimonio in modo tale da escludere con atto posittivo di volonta' lo stesso matrimonio, che per lui e' una pura formalita' vuota*

*e senza senso, evidentemente fa del matrimonia un rito vano. In tal modo contrae invalidamente colui che, escludendo con atto posittivo di volonta', almeno implicito, lo stesso matrimonio, si sposa unicamente ed esclusivamente per un fine estrinseco, cioe' diverso dal matrimonio, fine che egli intende come oggetto esclusivo del consenso. Per esempio: avere una dote, evitare il servizio militare, adire una eredita', scopi di libidine, ecc … L'esclusione del matrimonio si puo' verificare sopratutto in persone che si sposano sotto la pressione del timore grave, o che strumentalizzano, con estrema leggerezza e malizia, il-matrimonio simulato per raggiungere altri fini intesi con volonta' prevalente, come potrebbero essere I miraggi di un vantaggio economico …."* (**Il Diritto Canonico Matrimoniale**, Elle Di Ci (Torino), 1994, pp. 113-114).

Illi fil-fatt l-istess Perit Legali Dr. Audrey Demicoli kkonkludiet hekk fuq ix-xhieda u l-provi prodotti:-

*"Illi l-esponenti hi sodisfatta li l-attrici pruvat, sal-grad li trid il-ligi f'kawza civili li r-raguni predominanti b'mod li twarrab skopijiet ohra, l-ghala l-konvenut resaq ghaz-zwieg kienet sabiex ikun jista' jottjeni cittadinanza Maltija u passaport Malti u mhux biex jintrabat fiz-zwieg bid-drittijiet u l-obbligi reciproci tal-partijiet li jitnisslu minn tali zwieg. Ghal dawn il-motivi, l-esponenti jidrilha li din l-Onorabbli Qorti ghandha tilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement tiddikjara li z-zwieg celebrat bejn il-partijiet fit-23 ta' Lulju, 1998, huwa null u bla effett ai termini tal-artikolu 19 (1) (f) u anki possibilment ai termini tal-**Artikolu 19(1) A tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta".***

*"Illi ma rrizultax soddisfacentement pruvat li kienu jezistu ragunijiet validi sabiex iz-zwieg tal-kontendenti jigi dikjarat null u bla effett taht is-subincizi l-ohra tal-Artikolu 19(1) msemmija mill-attrici fic-citazzjoni"*.

Illi din l-Qorti taqbel mal-konkluzjonijiet peritali fejn jirrigwardaw kemm l-**artikolu 19 (1) (g) u l-artikolu 19 (1) (f)** u dan fis-sens li mill-provi prodotti ma jirrizultax li hemm bazi li jintalab annullament taz-zwieg skond id-

diposizzjonijiet tal-ewwel subartikolu hawn indikat u dan skond ir-ragunamenti li ngabu fis-sentenza fl-ismijiet **"Ahmed Al Helal vs Karen Portelli"** (P.A. (RCP) ta' l-1 ta' Ottubru 2002) ghal liema sentenza qed issir riferenza diretta ghal dak li huma l-insenjamenti taghha.

Illi apparti li fuq dak li intqal mill-perit legali fuq l-**artikolu 19 A (1) tal-Kap 255,** li din il-Qorti ser tikkummenta fuqha aktar il-quddiem, kwantu ghall-**artikolu 19 (1) (f)** din l-Qorti taqbel ukoll mal-konsiderazzjonijiet maghmula u l-konkluzjonijiet raggunti mill-istess perit legali fis-sens li fuq l-iskorta tal-provi prodotti hemm bazi sabiex l-istess zwieg jigi ddikjarat null u bla effett *ai termini* tal-istess subartikolu u subinciz tal-**Kap 255.**

Illi pero' din il-Qorti ma taqbilx li ma hemm ebda raguni ghaliex tali zwieg m'ghandux ukoll jigi dikjarat null u bla effett ukoll skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255.**

Illi fil-fatt jinghad li l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** jiddisponi li:-

*"(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg".*

Illi dwar dan is-sub-artikolu din il-Qorti kif presjeduta diga' kellha okkazzjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenza **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg"** (Cit. Nru. 1564/97/RCP – deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi fis-sentenza **"Kevin Spiteri vs Avukat Dr Renzo Porella Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP – deciza 18 ta' Jannar 2000) il-Qorti ghamlet referenza ghall-esposizzjoni ta' **Viladrich**:

*"Thus, there is grave lack of discretion of judgement when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgement refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties, which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring"* ***(Viladrich, P.J., "Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated."*** *(Montreal, 1993), p. 686).*

Illi kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma: *"the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics" (**Viladrich, P.J.,** op.cit., pg. 687).*

Illi wkoll fis-sentenza "**Alexandra sive Sandra Farrugia vs Raymond Farrugia"** (P.A. (VGD) 10 ta' Settembru 1997) inghad wkoll li:

*"Kwantu ghad-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju –* ***Art. 19 (1) (d)*** *– biex ikun hemm nuqqas serju ta'*

*diskrezzjoni ta' gudizzju jrid ikun hemm inkapacita' psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, jew li jiddeciedi liberalment, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali* ***("Isabelle Zarb vs Stephen Attard"*** *– P.A. 21 ta' Novembru 1995). Mhix ghalhekk kwistjoni ta' inkompatibbilta' ta' karattru, jew ta' decizjoni jew decizjonijiet zbaljati. Il-paragrafu* ***(d)*** *ikompli jitkellem dwar "anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg". Il-Qorti tosserva li l-ligi taghna tirrikjedi mhux biss anomalija psikologika tkun wahda serja, izda li tkun taghmilha mpossibbli mhux sempliciment difficli, li wiehed jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg ossia jassumihom".*

Illi ghalhekk b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju l-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' immaturita` li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku **("Nicholas Agius vs Rita Agius gia Caruana"** – P.A. (VDG) tal-25 ta' Mejju,1995 ).

Illi li kieku l-legislatur irrikjeda maturita` shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' *"discretio judicii*" hu kuncett guridiku intrinsikament marbut mal-kapacita` ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg. Kif jispjega l-gurista **Colagiovanni** meta sostna li:-

*"Il matrimonio, in quanto patto ossia "foedus" … … … richiede una capacita` intelletuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e` per lo meno rescindibile, in casi determinati dalla legge, richiede quindi una integrita` di mente e di liberta`, dato che … … … si tratta di assumersi una "servitus" per tutta la vita"* (***Forum****, 1990, Vol. 1 part I, p. 72).*

Illi pero`, kif gia inghad, b'immaturita` jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju id-dottrina u l-gurisprudenza *"non si riferiscono ad una piena e terminale maturita`, non*

*esigono nei nubenti una conoscienza perfetta ed esaustiva di cio` che comporta il matrimonio, non richiedono una preveggenza chiara ed assoluta di cio` che puo compartare la vita coniugale, ne` un perfetto equilibrio volitivo-affettivo, ne` infine una conscienza perfetta delle motivazioni della scelta matrimoniale. Ecco perche` riesce piu` appropriato l' uso del termine discrezione di giudizio, che fa riferimento ad un certo discernimento ma non implica il raggiungimento di una maturita` piena"* ***(Pompedda, M.F., "Il Consenso Matrimoniale in Grocholewski"** – **Pompedda – Zagglia, "Il Matrimonio nel Nuovo Codice di Diritto Canonico"*** *(Padova, 1984), p. 46).*

Illi kif gie affermat diversi drabi minn din il-Qorti, inkluz fis-sentenza "**Alessandra sive Sandra Mc Monagale qabel Mamo vs Mario Mamo"** (P.A. (VDG) 26 ta' Ottubru 2000) ikun hemm id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fis-sens ta' l-ewwel parti tal-paragrafu **(d)** imsemmi kemm-il darba jirrizulta li, *"fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta` kritiko-estimativa jew kritiko-valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita` affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, ghalhekk, ma hux semplicement nuqqas ta' hsieb, nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizjonijiet zbaljati – in fatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettament kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju" (*ara, **"Emanuel Camilleri vs Carmen Camilleri"**, P.A., 10 ta' Novembru 1995).

Illi l-istess sentenza tkompli tghid *"Li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkunx irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, ma jammontax necessarjament ghal difett (serju) ta' diskrezzjoni ta' gudizzju* ***("Selina-Maria Vella Haber vs Joseph Gatt"****, P.A., 15 ta' April 1996)".*

Illi ghalhekk biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-**artikolu 19(1)(d)** irid ikun hemm l-inkapacita` psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, u li jiddeciedi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali (ara f'dan is-sens, fost ohrajn, "**Jacqueline Cousin v. Bernard Simler"**, P.A., 3 ta' Gunju 1998; **"Roseanne Cassar v. Kenneth Cassar",** P.A. 19 ta' Ottubru 1998; u **"Carmelo Grima v. Mary Andrews"**, P.A., 2 ta' Novembru 1998).

Illi proprju ghalhekk ukoll il-legislatur jirrikjedi li d-difett ta' diskrezzjoni jrid ikun wiehed serju u l-anomalija psikologika tkun wahda serja.

Illi kif jispjega **Bersini**, id-diskrezzjoni ta' gudizzju tikkonsisti f'zewg elementi distinti izda konkorrenti u interdipendenti:-

*"La piena avvertenza e il deliberato consenso … … … La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a quella volitiva. In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita` di giudizio e la maturita` affettiva … … … La maturita` di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all' atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita` affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita` che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta` e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi` una mancanza di consenso libero (immaturita` affettiva) e ponderato (immaturita` di giudizio)" **(Bersini, F., "Il Diritto Canonico Matrimoniale."** (Torino, 1994), p. 97).*

Illi l-istess awtur, imbaghad ikompli jispjega dwar kemm irid ikun serju d-difett ta' diskrezzjoni biex wiehed ikun jista' jghid li hemm id-difett fil-kunsens u l-konsegwenti nullita` taz-zwieg:-

*“Se ci si chiede quale grado di discrezione di giudizio possa ritenersi proporzionato al matrimonio, rispondiamo anzitutto che, sia per la conoscenza intellettiva come per la deliberazione volitiva, dovra’ essere maggiore di quello richiesto per peccare mortalmente e per stipulare gli altri contratti. Il motivo sta nel fatto che il consenso matrimoniale riguarda obbligazioni che si proiettano nel futuro ed e` ordinato all’ assunzione di uno stato di vita che incide su tutta l’ esistenza con un contratto perpetuo e irrescendibile che comporta una serie di gravi obblighi ad esso inerenti. Per dare un valido consenso, non e` sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente uno sappia che cosa e` il matrimonio; e` necessaria la maturita` di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e` necessaria la discrezione non tanto per l’ atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell’ atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico, religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l’ eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrate, per qualsiasi motivo, la capacita` intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravamente alterata o addirittura mancante, si dovra` ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio”* (ibid. pp. 97-98).

Illi hawnekk il-Qorti, pero`, tixtieq tippreciza li ghazla libera, kunsens hieles, ghar-rabta taz-zwieg mhux sinonimu mal-kuncett ta’ ghazla facli, u dan kif gja gie indikat fis-sentenzi fuq kwotati, tant li inghad li:-

*“… … ... se il sogetto non e` in grado di superare [i] condizionamenti interiori, allora si dira` che la scelta di lui non e` stata libera; lo sara` invece qualora pur pressato da tali impulsi provenienti dal proprio psichismo, da un’*

*affettivita` non sufficientemente matura o anomala, e quindi anche di fronte a conflitti interiori, sara` stato capace di superarli, di dominarli razionalmente, di scegliere con autonomia ... ... ... In ogni caso, i nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe` col matrimonio un patto che vincola* a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa` coniugale, sia nei rigwardi dell' altra parte sia nei riguardi della prole" (***Pompedda, M.F.,*** **"Incapacita` di Natura Psichica in Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento."** (Bologna, 1991), pp. 231, 233*).*

Illi ghal dak li jirrigwarda l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

*Illi dawn huma "the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics"* (**Viladrich, P.J**., op. cit., p. 687).

Illi tal-istess portata huma s-sentenzi **"Anthony Gaffiero vs Juanita Gaffiero nee' Sultana"** (P.A. (VDG) 17 ta' Novembru 2000 u "**Anna Galea vs John Walsh",** (P.A. (VDG) tat-30 ta' Marzu 1995). Inerenti, ghalhekk, f'dawn l-obbligazzjonijiet hemm l-obbligu tal-partijiet li jaghtu lilhom infushom lil xulxin fit-totalita` taghhom sabiex tigi stabbilita bejniethom *"the community of life and love".*

Illi fl-ahharnett din il-Qorti taghmel riferenza ghal dak li nghad fis-sentenza fl-ismijiet **"Nathalie O'Toole vs Patrick O'Toole"** (P.A. (NA) 25 ta' Marzu 2002) fejn inghad li:-

*"l-kunsens moghti fiz-zwieg skond din l-istess gurisprudenza mhuwiex dak il-kunsens semplici rikjest fil-kuntratt in generali ghaliex il-kuntratt taz-zwieg huwa wiehed "sui generis" u ta' ordni pubbliku. Illi ghalhekk il-partijiet f'kuntratt ta' zwieg mhux biss irid ikollhom il-kapacita' li jaghtu dak il-kunsens, izda li l-istess irid jigi moghti bl-iktar mod liberu u xjenti ghal dak kollu li tirrikjedi r-rabta taz-zwieg. Il-kuntratt taz-zwieg ghandu jigi apprezzat mhux biss bl-ghajnejn oggettivi tal-ligi, izda jrid isib is-sinifikat tieghu fir-relazzjonijiet ta' koppja u l-iskop ahhari taz-zwieg, cioe' li tnejn minn nies jaghtu lilhom nfushom lil xulxin ad eskluzzjoni ta' kollox u kulhadd. Meta ghalhekk ghal xi raguni jew ohra dak il-kunsens ma jkunx gie moghti bil-konoxxenza shiha ta' dak li jgib mieghu z-zwieg, allura jinholoq dubju kemm dak il-kuntratt matrimonjali huwa wiehed validu."*

Illi kif inghad fis-sentenza **"Al Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002) *inoltre* l-kunsens irid ikun wiehed tali li permezz tieghu l-parti li tesprimih trid tkun konxja ta' l-obbligi, d-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha l-hajja mizzewga bhal ma huma l-elementi ta' unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbili.

Illi dawn il-principji kollha gew ikkonfermati f'diversi sentenzi moghtija minn din il-Qorti nkluzi **"Maria Rita Calleja vs Mohamed Ben Mohamed Khemiri"** (P.A. (RCP) 17 ta' Frar 2000); **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** (P.A. (RCP) 9 ta' Marzu 2000); **"Ousama Sadalah vs Doris Tanti"** (P.A. (RCP) 4 ta' April 2000); **"Josephine Gabriel vs Dr. Georg Sapiano et nomine"** (P.A. (RCP) 8 ta' Novembru 2000); **Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001); **"Mazen Dadouch vs Maria Dadouch xebba Galea"** (P.A. (RCP) 22 ta' Marzu 2002); **"Albert Grech vs Josette Grech"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002);

**“Marco Tanti vs Catherine Azzopardi”** (P.A. (RCP) 30 ta’ Mejju 2002); u **“Giulio Farrugia vs Raquel Anne Farrugia”** (P.A. (RCP) 29 ta’ Mejju 2002) fost ohrajn.

Illi dwar dawn l-elementi jirrizulta mill-provi prodotti li fl-ewwel lok jidher li l-partijiet f’dak l-istadju tal-hajja taghhom qatt ma kellhom id-diskrezzjoni necessarja sabiex jifhmu il-kuncett ta’ hajja mizzewga w id-dmirijiet naxxenti minnha *stante* li l-attrici kienet f’sitwazzjoni tabilhaqq miskina, dejjem fl-optiku tal-lenti taghha, u dan peress li hija kienet qed tghix ma ommha, l-attrici kienet mara mhux mizzewga flimkien ma t-tfal taghha, abbandunata minn missier l-istess ulied, imdejqa li ma kellhiex kumpanija, w inkoraggita mill-konvenut sabiex jizzewwigha bil-weghda li dan kien ser jaqdi l-parti li jkun missier ta’ uliedha u jipprovdilha saqaf fuq rasha u li jahdem ghaliha u ghall-manteniment ta’ wliedha, u f’dawn ic-cirkostanzi ghalhekk jidher palez li l-attrici dahlet fiz-zwieg biss billi segwiet ir-rit civili, izda mankanti minn kull element ta’ volonta’, wisq inqas b’sens ta’ diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga.

Illi min-naha l-ohra l-konvenut kellu f’mohhu haga wahda biss u cjoe’ li juza’ lill-attrici sabiex jakkwista stat ta’ mizzewweg lill-Maltija u b’hekk ikun jista’ jkollu d-dritt ta’ moviment hawn Malta u jibqa’ jghix Malta, fejn jidher li kien jigi spiss, u ghalhekk fil-ftit inkontri li kellu mal-attrici huwa weghda dak kollu li hija riedet tisma’ bih, u dan billi avvantagga ruhu mill-pozizzjoni miskina li hija hasbet li qeghda fiha, meta l-iskop uniku tieghu kien biss li huwa jizzewwigha biex jiehu c-cittadinanza Maltija, bla ebda hsieb li jghix minuta maghha, tant li fil-fatt wara li zzewweg lanqas biss qatta’ lejl wiehed maghha, tant li z-zwieg lanqas biss gie kkonsmat.

Illi huwa ovvju li f’dawn ic-cirkostanzi kull diskrizzjoni ta’ gudizzju fuq kull element taz-zwieg, anke l-iktar wiehed minimu ta’ konvivenza almenu apparenti kien ghalhekk ghal kollox nieqes mill-istess konvenut.

Illi certament li mill-provi kollha prodotti mill-attrici, ikkorroborata wkoll mix-xhieda ta’ ommha, li dwar dan iz-

zwieg kienet taf bih biss wara, tant li la qabel u lanqas wara qatt ma ltaqghet mal-konvenut, jirrizulta wkoll li l-konvenut kellu l-kunsens tieghu vizzjat b'difett serju ta' diskrizzjoni fuq il-hajja mizzewga u d-drittijiet u dmirijiet naxxenti mill-istess, u l-kunsens tieghu kien ukoll difettuz *stante* li eskluda pozittivament elementi essenzjali mill-istess zwieg sa mill-bidu tieghu, ghaliex qatt ma kellu l-intenzjoni li jghix ma' martu izda biss li juzaha sabiex jkun jista' jghix hawn Malta, u fil-fatt jista' jinghad li tul il-hajja mizzewga l-istess kontendenti qatt ma ghexu flimkien u lanqas qatt kellhom xi forma ta' relazzjoni flimkien, hlief wahda ta' ingann, mibnija fuq weghdi fierha tal-konvenut, sabiex l-attrici tizzewgu.

Illi min-naha l-ohra l-unika raguni ghaliex l-attrici zzewget lill-konvenut kienet biss sforz il-pozizzjoni li kienet li qed tghix ma ommha, bla missier ghall-uliedha, traxxinata mill-weghdi fierha tal-konvenut, persuna li assolutament ma kienet taf xejn dwaru, u ftit ghadha taf sal-lum, ghaliex in verita' minn wara z-zwieg qatt ma ratu izjed.

Illi huwa sintomatiku li wiehed jirreferi ghas-sentenzi **"Mary Rose Abder Rahim vs Esam Abder Rahim"** (P.A. (NA) 31 ta' Mejju 2000) u **"Carmen El Shimi gja Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi"** (P.A. (NA) 20 ta' Gunju 2000) fejn inghad li fiz-zwieg ta' konvenjenza illi l-iskop uniku tieghu huwa biss biex il-konvenut jakkwista c-cittadinanza Maltija jew/u d-dritt li joqghod u jirrisjedi hawn Malta, dak il-kunsens ikun simulat peress li eskluda pozittivament iz-zwieg innifsu. Illi dawn l-istess sentenzi gew segwieti minn din il-Qorti fil-kawzi **"Lydia Musu' vs Dr. Ian Spiteri Bailey"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Ottubru 2002); **"Marica Bouchioua vs Farhet Ben Mohammed Bouchioua"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Ottubru 2002); u **"Rodianne Graham vs Maria Concetta Zammit nomine"** (P.A. (RCP) – 30 ta' Ottubru 2002) li ghalihom issir riferenza.

Illi ghalhekk jirrizulta li l-istess zwieg ghandu jigi dikjarat null abbazi wkoll tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255.**

Illi dwar l-**artikolu 19 A (1) tal-Kap 255** dan jipprovdi li:-

*“Iz-zwieg validu jista’ jigi annullat fuq talba ta’ parti mizzewga wkoll minhabba li l-parti l-ohra tkun irrifjutat tikkonsma l-istess zwieg”.*

Illi wara dak li intqal aktar il-fuq din hija biss kwistjoni akkademika, pero’ din il-Qorti thoss li dan l-artikolu japplika biss fil-kaz ta’ zwieg li jkun validu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, u ghalhekk la darba dan iz-zwieg gja gie ddikjarat iktar il-fuq li huwa null minhabba difett fil-kunsens, mela allura dan l-artikolu ma jistax jigi applikat ghall-kaz *de quo* w allura t-talba fuq il-bazi ta’ dan l-artikolu ghandha tigi michuda.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati fejn l-istess jikkontrastaw mat-talba attrici kif hawn milqugha, **tilqa’ t-talba attrici** b’dan illi:-

1. Tiddikjara null u minghajr effett iz-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fit-23 ta’ Lulju 1998 kif indikat f’estratt veru mill-att taz-zwieg numru 1279/1998 u dan *ai termini* ta’ l-**artikolu 19 sub-artikolu 1 para (d) u (f) ta’ l-Att ta’ l-1975 dwar iz-Zwieg** kif sussegwentement emendat, **Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut, b’dan li l-Kuraturi Deputati ghandhom jithallsu skond il-ligi.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**31 ta’ Ottubru 2002**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**31 ta’ Ottubru 2002**